Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 23 ta' Ottubru 2025**
**(OR. en)**

**14386/25**
**ADD 1**

**DENLEG 55**
**FOOD 93**
**SAN 664**

## NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 22 ta' Ottubru 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | D(2025) 109690 annex |
| Suġġett: | ANNESSI tar-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu tal-karraġenina (E 407), il-gomma tal-ħarrub (E 410), il-gomma tal-gwar (E 412), il-gomma arabika (gomma tal-akaċja) (E 414), il-gomma tal-ksantan (E 415), il-pektini (E 440) u l-ottenilsuċċinat tal-lamtu u tas-sodju (E 1450) u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet għall-gomma tal-ħarrub (E 410), il-gomma tal-gwar (E 412), il-gomma arabika (gomma tal-akaċja) (E 414), il-gomma tal-ksantan (E 415), il-pektini (E 440) u l-ottenilsuċċinat tal-lamtu u tas-sodju (E 1450) |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument D(2025) 109690 annex.

Mehmuż: D(2025) 109690 annex

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, XXX
PLAN/2024/2042 ANNEX REV.1
(POOL/E2/2024/2042/2042 R1-EN
ANNEX.docx) D109690/02
[…](2025) XXX draft

ANNEXES 1 to 2

# ANNESSI

**tar-**

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu tal-karraġenina (E 407), il-gomma tal-ħarrub (E 410), il-gomma tal-gwar (E 412), il-gomma arabika (gomma tal-akaċja) (E 414), il-gomma tal-ksantan (E 415), il-pektini (E 440) u l-ottenilsuċċinat tal-lamtu u tas-sodju (E 1450) u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet għall-gomma tal-ħarrub (E 410), il-gomma tal-gwar (E 412), il-gomma arabika (gomma tal-akaċja) (E 414), il-gomma tal-ksantan (E 415), il-pektini (E 440) u l-ottenilsuċċinat tal-lamtu u tas-sodju (E 1450)**

# ANNESS I

Il-Parti E tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 hija emendata kif ġej:

(1) fil-kategorija 01.10 ("Xarbiet ibbażati fuq il-ħalib u prodotti simili maħsuba għat-tfal żgħar"):

(a) l-entrata għal E 407 Karraġenina hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | "E 407 | Karraġenina | 300 | (X)" | |

;

(b) l-entrata għal E 410 Gomma tal-ħarrub hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | "E 410 | Gomma tal-ħarrub | 10 000 | (X)" | |

;

(c) l-entrata għal E 412 Gomma tal-gwar hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | "E 412 | Gomma tal-gwar | 10 000 | (X)" | |

;

(d) l-entrata għal E 414 Gomma arabika (Gomma tal-akaċja) hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | "E 414 | Gomma arabika (gomma tal-akaċja) | 10 000 | (X)" | |

;

(e) l-entrata għal E 415 Gomma Xanthan hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | "E 415 | Gomma tal-ksantan | 10 000 | (X)" | |

;

(f) l-entrata għal E 440 Pektini hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | "E 440 | Pektini | 5 000 | (X)" | |

;

(g) in-nota f'qiegħ il-paġna (21) titħassar;

(h) in-nota f'qiegħ il-paġna (X) il-ġdida tiddaħħal wara n-nota f'qiegħ il-paġna (44):

"(X): Jekk aktar minn waħda mis-sustanzi E 407, E 410, E 412, E 414, E 415 u E 440 tiżdied ma' oġġett tal-ikel, il-livell massimu stabbilit għal dak l-oġġett tal-ikel għal kull waħda minn dawk is-sustanzi jitnaqqas fi proporzjon mal-kwantità tas-sustanzi l-oħrajn li jkunu preżenti flimkien f'dak l-oġġett tal-ikel";

(2) Fil-kategorija 13.1.1 ("Formuli tat-trabi kif definiti mir-Regolament (UE) Nru 609/2013"), l-entrata għal E 412 Gomma tal-gwar titħassar;

(3) fil-kategorija 13.1.5.1 (Ikel għal skopijiet mediċi speċjali, kif definit mir-Regolament (UE) Nru 609/2013, maħsub għat-trabi):

(a) l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-addittivi tal-kategoriji 13.1.1 u 13.1.2 huma applikabbli, ħlief E 412";

(b) l-entrata għal E 410 Gomma tal-ħarrub hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | "E 410 | Gomma tal-ħarrub | 5 300 | | Mit-twelid 'il quddiem fi prodotti għat-tnaqqis tar-rifluss gastroesofagali" |

;

(c) l-entrata għal E 412 Gomma tal-gwar titħassar;

(d) l-entrata għal E 440 Pektini hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | "E 440 | Pektini | 4 000 | | Mit-twelid 'il quddiem fi prodotti li jintużaw fil-każ ta' mard gastrointestinali |

;

(e) l-entrata għal E 1450 Ottenilsuċċinat tal-lamtu u s-sodju hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | "E 1450 | Ottenilsuċċinat tal-lamtu u tas-sodju | 20 000 | | f'formuli tat-trabi u formuli tal-prosegwiment biss<br>Perjodu ta' applikazzjoni: sa [*24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*] |
| | E 1450 | Ottenilsuċċinat tal-lamtu u tas-sodju | 10 000 | | f'formuli tat-trabi u formuli tal-prosegwiment biss<br>Perjodu ta' applikazzjoni: minn [*24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*]" |

;

(4) fil-kategorija 13.1.5.2 (Ikel għal skopijiet mediċi speċjali, kif definit mir-Regolament (UE) Nru 609/2013, maħsub għat-trabi mill-età ta' 4 xhur u għat-tfal żgħar):

(a) l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-addittivi tal-kategoriji 13.1.2 u 13.1.3 huma applikabbli, ħlief E 270, E 333, E 341, E 412.";

(b) l-entrata għal E 410 Gomma tal-ħarrub hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | "E 410 | Gomma tal-ħarrub | 5 300 | | Mit-twelid 'il quddiem fi prodotti għat-tnaqqis tar-rifluss gastroesofagali" |

;

(c) l-entrata għal E 412 Gomma tal-gwar hija sostitwita b'dan li ġej;

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | "E 412 | Gomma tal-gwar | 10 000 | | Mit-twelid 'il quddiem, fi prodotti f'formuli likwidi li fihom proteini idrolizzati, peptidi jew aċidi amminiċi<br>Perjodu ta' applikazzjoni:<br>sas-27 ta' April 2027" |

;

(d) l-entrata għal E 440 Pektini hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | "E 440 | Pektini | 4 000 | | Mit-twelid 'il quddiem fi prodotti li jintużaw fil-każ ta' mard gastrointestinali |

;

(e) l-entrata għal E 1450 Ottenilsuċċinat tal-lamtu u s-sodju hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | "E 1450 | Ottenilsuċċinat tal-lamtu u tas-sodju | 20 000 | | Perjodu ta' applikazzjoni: sa [*24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*] |
| | E 1450 | Ottenilsuċċinat tal-lamtu u tas-sodju | 10 000 | | Perjodu ta' applikazzjoni: minn [*24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*]" |

.

## ANNESS II

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrata għal "E 410 GOMMA TAL-ĦARRUB" hija sostitwita b'dan li ġej:

"E 410 GOMMA TAL-ĦARRUB

| | |
|---|---|
| **Sinonimi** | Gomma tal-fażola tal-ħarrub; Gomma algaroba |
| **Definizzjoni** | Il-gomma tal-ħarrub hija l-endosperma mitħuna taż-żerriegħa tar-razez tas-siġra tal-ħarrub, *Ceratonia siliqua* (L.) Taub. (familja *Leguminosae*). Iż-żrieragħ jitħellfu billi l-qlub jiġu ttrattati bl-aċidu sulfuriku dilwit jew bi trattamenti mekkaniċi termali, l-eliminazzjoni tar-raħs, segwit mit-tħin u t-tnaqqija tal-endosperma biex tinkiseb gomma tal-ħarrub indiġena. Il-gomma tal-ħarrub tikkonsisti primarjament minn polisakkarid idrokollojdali b'piż molekulari għoli, kompost minn unitajiet ta' galattopiranożju u mannopiranożju flimkien ma' rabtiet glikosidiċi, li jistgħu jiġu deskritti kimikament bħala galattomannan. |
| EINECS | 232-541-5 |
| Numru CAS | 9000-40-2 |
| Isem kimiku | |
| Formula kimika | |
| Piż molekulari | 50 000 - 3 000 000 |
| Assaġġ | Kontenut ta' galattomannan mhux anqas minn 75 % |
| **Deskrizzjoni** | Trab ta' lewn abjad għal abjad fl-isfar, kważi mingħajr riħa |
| **Identifikazzjoni** | |
| Test għall-galattożju | Jgħaddi mit-test |
| Test għall-mannożju | Jgħaddi mit-test |
| Eżami mikroskopiku | Poġġi ftit mill-kampjun mitħun f'soluzzjoni milwiema li jkun fiha 0,5 % jodju u 1 % jodur tal-potassju fuq slajd tal-ħġieġ u eżamina taħt il-mikroskopju. Il-gomma tal-fażola tal-ħarrub fiha ċelloli tubiformi miġbuda twal, separati jew kemxejn interspazjati. Il-kontenuti kannella tagħhom huma ffurmati b'mod ferm inqas regolari minn dawk tal-gomma tal-gwar. Il-gomma tal-gwar turi gruppi viċini ta' ċelloli tondi jew forma ta' lanġasa. Il-kontenuti tagħhom huma sofor għal kannella |
| Solubbiltà | Kompletament dispersibbli fl-ilma sħun, insolubbli fl-etanol |

| **Purità** | |
|---|---|
| Telf mat-tnixxif | Mhux aktar minn 15 % (105 °C, 5 sigħat) |
| Irmied | Mhux aktar minn 1,2 % iddeterminat fi 800 °C |
| Proteina (N × 6,25) | Mhux aktar minn 7 % |
| Materjal insolubbli fl-aċidu | Mhux aktar minn 4 % |
| Lamtu | Mhux detettabbli permezz tal-metodu li ġej: ma' dispersjoni ta' 1 f'10 tal-kampjun żid ftit qtar ta' soluzzjoni tal-jodju. Ma jiġix prodott kulur blu. |
| Arseniku | Mhux aktar minn 0,1 mg/kg |
| Ċomb | Mhux aktar minn 0,4 mg/kg |
| Merkurju | Mhux aktar minn 0,1 mg/kg |
| Kadmju | Mhux aktar minn 0,1 mg/kg |
| Etanol u propan-2-ol | Mhux aktar minn 1 %, waħedhom jew flimkien |
| **Kriterji mikrobijoloġiċi** | |
| Għadd ta' kolonji totali | Mhux aktar minn 5 000 cfu/g |
| Ħmira u moffa | Mhux aktar minn 500 cfu/g |
| *Enterobacteriaceae* | Assenti f'10 g (biss jekk jiżdied mal-formuli mnixxfa tat-trabi, mal-ikel imnixxef għal skopijiet mediċi speċjali maħsub għal trabi taħt is-6 xhur u mal-formuli ta' prosegwiment imnixxfa) |
| *Escherichia coli* | Assenti f'1 g |
| *Salmonella* spp. | Assenti f'25 g |
| *Cronobacter* spp. (*Enterobacter sakazakii*) | Assenti f'10 g (biss jekk jiżdied mal-formuli mnixxfa tat-trabi u mal-ikel imnixxef għal skopijiet mediċi speċjali maħsuba għal trabi taħt is-6 xhur)" |

;

(2) l-entrata għal "E 412 GOMMA TAL-GUAR" hija sostitwita b'dan li ġej:

"E 412 GOMMA TAL-GWAR

| **Sinonimi** | Gomma tas-*Cyamopsis*; Dqiq tal-gwar |
|---|---|

| | |
|---|---|
| **Definizzjoni** | Il-gomma tal-gwar hija l-endosperma mitħuna taż-żerriegħa tar-razez tal-pjanta tal-gwar, *Cyamopsis tetragonolobus* (L.) Taub. (familja *Leguminosae*). Ir-raħs u l-endosperma jiġu sseparati permezz tat-tħin u t-tgħarbil. Il-fosdqa titneħħa permezz ta' trattament bl-arja niedja jew niexfa, l-arja sħuna u t-tgħarbil. Tikkonsisti primarjament minn polisakkarid idrokollojdali b'piż molekulari għoli, kompost minn unitajiet ta' galattopiranożju u mannopiranożju magħqudin flimkien permezz ta' rabtiet glikosidiċi, li jistgħu jkunu deskritti kimikament bħala galattomannan. Il-gomma tista' tiġi parzjalment idrolizzata permezz ta' trattament bis-sħana, bl-aċidu ħafif jew bi trattament ta' ossidazzjoni alkalina għall-aġġustament tal-viskożità. |
| EINECS | 232-536-0 |
| Numru CAS | 9000-30-0 |
| Isem kimiku | |
| Formula kimika | |
| Piż molekulari | 50 000 – 8 000 000 |
| Assaġġ | Kontenut ta' galattomannan mhux anqas minn 75 % |
| **Deskrizzjoni** | Trab ta' lewn abjad għal abjad fl-isfar, kważi mingħajr riħa |
| **Identifikazzjoni** | |
| Test għall-galattożju | Jgħaddi mit-test |
| Test għall-mannożju | Jgħaddi mit-test |
| Solubbiltà | Dispersibbli fl-ilma kiesaħ |
| **Purità** | |
| Telf mat-tnixxif | Mhux aktar minn 15 % (105 °C, 5 sigħat) |
| Irmied | Mhux aktar minn 5,5 % iddeterminat fi 800 °C |
| Materjal insolubbli fl-aċidu | Mhux aktar minn 7 % |
| Proteina | Mhux aktar minn 10 % (fattur N x 6,25) (metodu ta' Kjeldahl) |
| Lamtu | Mhux detettabbli permezz tal-metodu li ġej: ma' dispersjoni ta' 1 f'10 tal-kampjun żid ftit qtar ta' soluzzjoni tal-jodju. Ma jiġix prodott kulur blu. |
| Perossidi organiċi | Mhux aktar minn 0,7 meq ta' ossiġenu attiv/kg tal-kampjun |

| | |
|---|---|
| Furfural | Mhux aktar minn 1 mg/kg |
| Pentaklorofenol | Mhux aktar minn 0,01 mg/kg |
| Arseniku | Mhux aktar minn 0,1 mg/kg |
| Ċomb | Mhux aktar minn 0,2 mg/kg |
| Merkurju | Mhux aktar minn 0,1 mg/kg |
| Kadmju | Mhux aktar minn 0,1 mg/kg |
| **Kriterji mikrobijoloġiċi** | |
| Għadd ta' kolonji totali | Mhux aktar minn 5 000 cfu/g |
| Ħmira u moffa | Mhux aktar minn 500 cfu/g |
| *Enterobacteriaceae* | Assenti f'10 g (biss jekk jiżdied mal-formuli mnixxfa tat-trabi, mal-ikel imnixxef għal skopijiet mediċi speċjali maħsub għal trabi taħt is-6 xhur u mal-formuli ta' prosegwiment imnixxfa) |
| *Escherichia coli* | Assenti f'1 g |
| *Salmonella* spp. | Assenti f'25 g" |

;

(3) l-entrata għal "E 414 GOMMA TAL-AKAĊJA" hija sostitwita b'dan li ġej:

"E 414 GOMMA ARABIKA (GOMMA TAL-AKAĊJA)

| | |
|---|---|
| **Sinonimi** | |
| **Definizzjoni** | Il-gomma tal-akaċja hija t-tnixxija mnixxfa miksuba miz-zkuk u l-friegħi tar-razez tal- *Acacia senegal* (L) Willdenow jew ta' speċijiet marbuta mill-qrib tal-Akaċja (familja *Leguminosae*). Tikkonsisti primarjament minn polisakkaridi b'piż molekulari għoli u l-imlieħ tal-kalċju, tal-manjeżju u tal-potassju tagħhom, li fl-idroliżi, jipproduċu l-arabinożju, il-galattożju, ir-ramnożju u l-aċidu glukuroniku. |
| EINECS | 232-519-5 |
| Numru CAS | 9000-01-5 |
| Isem kimiku | |
| Formula kimika | |
| Piż molekulari | Bejn wieħed u ieħor 350 000 |

| | |
|---|---|
| Assaġġ | |
| **Deskrizzjoni** | Il-gomma tal-akaċja mhux mitħuna għandha għamla ta' qtar sferojdali ta' lewn abjad jew abjad fl-isfar, ta' qisien differenti jew bħala frammenti angolari u kultant ikunu mħallta ma' frammenti aktar skuri. Teżisti wkoll fl-għamla ta' laqx, granuli, trab jew materjal imnixxef bl-atomizzazzjoni, ta' lewn abjad jew abjad fl-isfar. |
| **Identifikazzjoni** | |
| Solubbiltà | 1 g tinħall f'2 ml ta' ilma kiesaħ u tifforma dispersjoni li timxi faċilment u hija aċiduża għal-litmus, insolubbli fil-etanol. |
| **Purità** | |
| Telf mat-tnixxif | Mhux aktar minn 17 % (105 °C, 5 sigħat) għall-granuli u mhux aktar minn 10 % (105 °C, 4 sigħat) għall-materjal imnixxef bl-atomizzazzjoni |
| Irmied totali | Mhux aktar minn 4 % |
| Irmied insolubbli fl-aċidu | Mhux aktar minn 0,5 % |
| Materja insolubbli fl-aċidu | Mhux aktar minn 1 % |
| Lamtu jew destrina | Għalli dispersjoni ta' 1 f'50 tal-gomma u berred. Ma' 5 ml żid qatra ta' soluzzjoni tal-jodju. Ma jiġi prodott l-ebda kulur blu jew ħamrani. |
| Tannin | Ma 10 ml ta' dispersjoni ta' 1 f'50 żid madwar 0,1 ml soluzzjoni tal-klorur ferriku (9 g $FeCl_3.6H_2O$ miżjuda sa 100 ml bl-ilma). Ma jiġi ffurmat l-ebda kulur iswed jew preċipitat sewdieni. |
| Arseniku | Mhux aktar minn 0,1 mg/kg |
| Ċomb | Mhux aktar minn 0,05 mg/kg |
| Merkurju | Mhux aktar minn 0,05 mg/kg |
| Kadmju | Mhux aktar minn 0,05 mg/kg |
| Aluminju | Mhux aktar minn 100 mg/kg (biss jekk jiżdied mal-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar)<br>Mhux aktar minn 200 mg/kg (għall-użi kollha ħlief għall-ikel maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar) |
| Prodotti tal-idroliżi | Il-mannożju, il-ksilożju u l-aċidu galatturoniku huma assenti (determinati bil-kromatografija). |

| | |
|---|---|
| Proteini | Mhux aktar minn 3,5 %<br>L-ossidażijiet u l-perossidażijiet li jseħħu fil-gomma tal-akaċja b'mod naturali jew bħala riżultat tal-ipproċessar għandhom jiġu inattivati matul il-proċess tal-manifattura tal-gomma tal-akaċja użata fl-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar. |
| **Kriterji mikrobijoloġiċi** | |
| Għadd ta' kolonji totali | Mhux aktar minn 10 000 cfu/g |
| Ħmira u moffa | Mhux aktar minn 10 000 cfu/g |
| *Salmonella* spp. | Assenti f'25 g |
| *Enterobacteriaceae* | Assenti f'10 g (biss jekk jiżdied mal-formuli mnixxfa tat-trabi, mal-ikel imnixxef għal skopijiet mediċi speċjali maħsub għal trabi taħt is-6 xhur u mal-formuli ta' prosegwiment imnixxfa) |
| *Escherichia coli* | Assenti f'5 g |
| *Cronobacter* spp. (*Enterobacter sakazakii*) | Assenti f'10 g (biss jekk miżjud f'formuli mnixxfa tat-trabi u ikel imnixxef għal skopijiet mediċi speċjali maħsuba għal trabi taħt is-6 xhur)" |

;

(4) l-entrata għal "E 415 GOMMA XANTHAN" hija sostitwita b'dan li ġej:

"E 415 GOMMA TAL-KSANTAN

| | |
|---|---|
| **Sinonimi** | |
| **Definizzjoni** | Il-gomma tal-ksantan hija gomma polisakkarida b'piż molekulari għoli prodotta minn fermentazzjoni ta' kultura pura ta' karboidrat b'razez tal-*Xanthomonas campestris*, li huma identifikati b'mod inekwivoku u jissodisfaw il-kriterji għall-kwalifika għall-istatus ta' QPS (jiġifieri n-nuqqas ta' ġeni ta' reżistenza antimikrobika miksuba), ippurifikati permezz tal-irkupru bl-etanol jew bil-propan-2-ol, imnixxfa u mitħuna. Bħala l-unitajiet eżożji dominanti fih id-D-glukożju u d-D-mannożju, flimkien mal-aċidu D-glukuroniku, l-aċidu piruviku u l-aċidu aċetiku, u jiġi ppreparat bħall-melħ tas-sodju, tal-potassju jew tal-kalċju. Id-dispersjonijiet tiegħu fl-ilma huma newtrali. Il-prodott finali ma jrid juri l-ebda attività residwa tal-enzimi. |
| EINECS | 234-394-2 |
| Numru CAS | 11138-66-2 |
| Isem kimiku | |

| | |
|---|---|
| Formula kimika | |
| Piż molekulari | Bejn wieħed u ieħor 1 000 000 |
| Assaġġ | Fuq bażi mnixxfa, jipproduċi mhux inqas minn 4,2 % u mhux aktar minn 5 % ta' $CO_2$, li jikkorrispondi għal madwar 91 % u 108 % ta' gomma tal-ksantan |
| **Deskrizzjoni** | Trab lewn il-krema |
| **Identifikazzjoni** | |
| Solubbiltà | Dispersibbli fl-ilma. Insolubbli fl-etanol. |
| **Purità** | |
| Telf mat-tnixxif | Mhux aktar minn 15 % (105 °C, 2,5 sigħat) |
| Irmied totali | Mhux aktar minn 16 % fuq bażi anidra ddeterminat f'650 °C wara tnixxif f'105 °C għal 4 sigħat |
| Aċidu piruviku | Mhux inqas minn 1,5 % |
| Nitroġenu | Mhux aktar minn 1,5 % (metodu ta' Kjeldahl) |
| Etanol u propan-2-ol | Mhux aktar minn 500 mg/kg waħedhom jew flimkien |
| Arseniku | Mhux aktar minn 0,1 mg/kg |
| Ċomb | Mhux aktar minn 0,5 mg/kg |
| Merkurju | Mhux aktar minn 0,05 mg/kg |
| Kadmju | Mhux aktar minn 0,3 mg/kg |
| **Kriterji mikrobijoloġiċi** | |
| Għadd ta' kolonji totali | Mhux aktar minn 5 000 cfu/g |
| Ħmira u moffa | Mhux aktar minn 300 cfu/g |
| *Enterobacteriaceae* | Assenti f'10 g (biss jekk jiżdied mal-formuli mnixxfa tat-trabi, mal-ikel imnixxef għal skopijiet mediċi speċjali maħsub għal trabi taħt is-6 xhur u mal-formuli ta' prosegwiment imnixxfa) |
| *Escherichia coli* | Assenti f'5 g |
| *Salmonella* spp. | Assenti f'25 g |

| | |
|---|---|
| *Cronobacter* spp. (*Enterobacter sakazakii*) | Assenti f'10 g (biss jekk miżjud f'formuli mnixxfa tat-trabi u ikel imnixxef għal skopijiet mediċi speċjali maħsuba għal trabi taħt is-6 xhur) |
| *Xanthomonas campestris* | Ċelloli vijabbli assenti f'1 g" |

;

(5) l-entrata għal "E 440 (i) PEKTIN" hija sostitwita b'dan li ġej:

"E 440(i) PEKTINA

| | |
|---|---|
| **Sinonimi** | |
| **Definizzjoni** | Il-pektina tikkonsisti primarjament minn esteri metiliċi parzjali tal-aċidu poligalatturoniku u l-imlieħ tal-ammonju, tas-sodju, tal-potassju u tal-kalċju tagħhom. Tiġi akkwistata bl-estrazzjoni f'medium milwiem ta' razez ta' materjal veġetali xieraq li jittiekel, normalment il-frott taċ-ċitru jew it-tuffieħ. Il-prodott finali ma jrid juri l-ebda attività residwa tal-enzimi. Ma għandu jintuża l-ebda preċipitant organiku minbarra l-metanol, l-etanol u l-propan-2-ol. |
| EINECS | 232-553-0 |
| Isem kimiku | |
| Formula kimika | |
| Piż molekulari | |
| Assaġġ | Kontenut ta' mhux inqas minn 65 % tal-aċidu galatturoniku fuq il-bażi ħielsa mill-irmied u anidra wara l-ħasil bl-aċidu u l-alkoħol |
| **Deskrizzjoni** | Trab abjad, isfar ċar, griż ċar jew kannella ċar |
| **Identifikazzjoni** | |
| Solubbiltà | Dispersibbli fl-ilma u tifforma soluzzjoni kollojdali, opalexxenti. Insolubbli fl-etanol. |
| **Purità** | |
| Telf mat-tnixxif | Mhux aktar minn 12 % (105 °C, sagħtejn) |
| Irmied insolubbli fl-aċidu | Mhux aktar minn 1 % (insolubbli f'madwar 3N ta' aċidu idrokloriku) |
| Diossidu tal-kubrit | Mhux aktar minn 50 mg/kg fuq il-bażi anidra |
| Kontenut ta' nitroġenu | Mhux aktar minn 1,0 % wara l-ħasil bl-aċidu u l-etanol |

| | |
|---|---|
| Materja insolubbli totali | Mhux aktar minn 3 % |
| Residwi tas-solvent | Mhux aktar minn 1 % ta' metanol, etanol u propan-2-ol ħielsa, waħedhom jew flimkien, fuq il-bażi volatili, ħielsa mill-materja |
| Arseniku | Mhux aktar minn 0,1 mg/kg |
| Ċomb | Mhux aktar minn 0,3 mg/kg (biss jekk jiżdied mal-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar)<br>Mhux aktar minn 1 mg/kg (għall-użi kollha ħlief għall-ikel maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar) |
| Merkurju | Mhux aktar minn 0,1 mg/kg |
| Kadmju | Mhux aktar minn 0,1 mg/kg (biss jekk jiżdied mal-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar)<br>Mhux aktar minn 0,5 mg/kg (għall-użi kollha ħlief għall-ikel maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar) |
| Aluminju | Mhux aktar minn 120 mg/kg (biss jekk jiżdied mal-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar)<br>Mhux aktar minn 200 mg/kg (għall-użi kollha ħlief għall-ikel maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar) |
| **Kriterji mikrobijoloġiċi** | |
| *Enterobacteriaceae* | Assenti f'10 g (biss jekk jiżdied mal-formuli mnixxfa tat-trabi, mal-ikel imnixxef għal skopijiet mediċi speċjali maħsub għal trabi taħt is-6 xhur u mal-formuli ta' prosegwiment imnixxfa) |
| *Escherichia coli* | Assenti f'10 g |
| *Salmonella* spp. | Assenti f'25 g (biss jekk miżjud f'formuli mnixxfa tat-trabi, ikel imnixxef għal skopijiet mediċi speċjali maħsuba għal trabi taħt is-6 xhur u formuli ta' prosegwiment imnixxfa) |
| *Cronobacter* spp. (*Enterobacter sakazakii*) | Assenti f'10 g (biss jekk miżjud f'formuli mnixxfa tat-trabi u ikel imnixxef għal skopijiet mediċi speċjali maħsuba għal trabi taħt is-6 xhur)" |

;

(6) l-entrata għal "E 440(ii) PEKTINA AMIDATA" hija sostitwita b'dan li ġej:

"E 440(ii) PEKTINA AMIDATA

| | |
|---|---|
| **Sinonimi** | |

| | |
|---|---|
| **Definizzjoni** | Il-pektina amidata tikkonsisti primarjament mill-esteri metiliċi parzjali tal-aċidu poligalatturoniku u l-imlieħ tal-ammonju, tas-sodju, tal-potassju u tal-kalċju tagħhom. Tiġi akkwistata bl-estrazzjoni f'medium milwiem tar-razez xierqa ta' materjal veġetali li jittiekel, normalment il-frott taċ-ċitru jew it-tuffieħ u t-trattament bl-ammonja f'kundizzjonijiet alkaliniċi. Il-prodott finali ma jrid juri l-ebda attività residwa tal-enzimi. Ma għandu jintuża l-ebda preċipitant organiku minbarra l-metanol, l-etanol u l-propan-2-ol. |
| EINECS | |
| Isem kimiku | |
| Formula kimika | |
| Piż molekulari | |
| Assaġġ | Kontenut ta' mhux inqas minn 65 % tal-aċidu galatturoniku fuq il-bażi ħielsa mill-irmied u anidra wara l-ħasil bl-aċidu u l-alkoħol |
| **Deskrizzjoni** | Trab abjad, isfar ċar, griż ċar jew kannella ċar |
| **Identifikazzjoni** | |
| Solubbiltà | Dispersibbli fl-ilma u tifforma soluzzjoni kollojdali, opalexxenti. Insolubbli fl-etanol. |
| **Purità** | |
| Telf mat-tnixxif | Mhux aktar minn 12 % (105 °C, sagħtejn) |
| Irmied insolubbli fl-aċidu | Mhux aktar minn 1 % (insolubbli f'madwar 3N ta' aċidu idrokloriku) |
| Grad ta' amidazzjoni | Mhux aktar minn 25 % tal-gruppi karbossiliċi totali |
| Diossidu tal-kubrit | Mhux aktar minn 50 mg/kg fuq il-bażi anidra |
| Kontenut ta' nitroġenu | Mhux aktar minn 2,5 % wara l-ħasil bl-aċidu u l-etanol |
| Materja insolubbli totali: | Mhux aktar minn 3 % |
| Residwi tas-solvent | Mhux aktar minn 1 % ta' metanol, etanol u propan-2-ol, waħedhom jew flimkien, fuq bażi volatili ħielsa mill-materja |
| Arseniku | Mhux aktar minn 0,1 mg/kg |
| Ċomb | Mhux aktar minn 0,3 mg/kg (biss jekk jiżdied mal-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar) |

| | |
|---|---|
| | Mhux aktar minn 1 mg/kg (għall-użi kollha ħlief għall-ikel maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar) |
| Merkurju | Mhux aktar minn 0,1 mg/kg |
| Kadmju | Mhux aktar minn 0,1 mg/kg (biss jekk jiżdied mal-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar)<br>Mhux aktar minn 0,5 mg/kg (għall-użi kollha ħlief għall-ikel maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar) |
| Aluminju | Mhux aktar minn 120 mg/kg (biss jekk jiżdied mal-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar)<br>Mhux aktar minn 200 mg/kg (għall-użi kollha ħlief għall-ikel maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar) |
| **Kriterji mikrobijoloġiċi** | |
| *Enterobacteriaceae* | Assenti f'10 g (biss jekk jiżdied mal-formuli mnixxfa tat-trabi, mal-ikel imnixxef għal skopijiet mediċi speċjali maħsub għal trabi taħt is-6 xhur u mal-formuli ta' prosegwiment imnixxfa) |
| *Escherichia coli* | Assenti f'10 g |
| *Salmonella* spp. | Assenti f'25 g (biss jekk miżjud f'formuli mnixxfa tat-trabi, ikel imnixxef għal skopijiet mediċi speċjali maħsuba għal trabi taħt is-6 xhur u formuli ta' prosegwiment imnixxfa) |
| *Cronobacter* spp. (*Enterobacter sakazakii*) | Assenti f'10 g (biss jekk miżjud f'formuli mnixxfa tat-trabi u ikel imnixxef għal skopijiet mediċi speċjali maħsuba għal trabi taħt is-6 xhur)" |

;

(7) l-entrata għal "E 1450 OTTENILSUĊĊINAT TAL-LAMTU U S-SODJU" hija sostitwita b'dan li ġej:

"E 1450 OTTENILSUĊĊINAT TAL-LAMTU U TAS-SODJU

| | |
|---|---|
| **Sinonimi** | SSOS |
| **Definizzjoni** | L-ottenilsuċċinat tal-lamtu u tas-sodju huwa lamtu modifikat. Huwa mmanifatturat bit-trattament ta' sospensjoni magħquda tal-lamtu tal-ikel bl-anidride ottenilsuċċinika. Wara li jintlaħaq il-limitu xieraq ta' esterifikazzjoni, il-lamtu modifikat jiġi rkuprat permezz tan-newtralizzazzjoni bl-aċidu, il-ħasil bl-ilma, it-tneħħija tal-ilma u t-tnixxif. |
| EINECS | |
| Isem kimiku | |

| | |
|---|---|
| Formula kimika | |
| Piż molekulari | |
| Assaġġ | |
| **Deskrizzjoni** | Trab jew granuli jew (jekk preġelatinizzat) laqx, fjokki amorfużi jew partikoli raffi, ta' lewn abjad jew kważi abjad |
| **Identifikazzjoni** | |
| Osservazzjoni mikroskopika | Jgħaddi mit-test (jekk mhux preġelatinizzat) |
| Titbigħ bil-jodju | Jgħaddi mit-test (kulur blu skur għal aħmar ċar) |
| **Purità** | |
| Telf mat-tnixxif | Mhux aktar minn 15,0 % għal-lamtu taċ-ċereali<br>Mhux aktar minn 21,0 % għal-lamtu tal-patata<br>Mhux aktar minn 18,0 % għal lamtu ieħor |
| Gruppi ottenilsuċċiniliċi | Mhux aktar minn 3 % (fuq bażi anidra) |
| Residwu tal-aċidu ottenilsuċċiniku | Mhux aktar minn 0,3 % (fuq bażi anidra) |
| Diossidu tal-kubrit | Mhux aktar minn 10 mg/kg fuq bażi anidra |
| Arseniku | Mhux aktar minn 0,05 mg/kg (fuq bażi anidra) (biss jekk jiżdied mal-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar)<br>Mhux aktar minn 0,1 mg/kg (fuq bażi anidra) (għall-użi kollha ħlief għall-ikel maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar) |
| Ċomb | Mhux aktar minn 0,03 mg/kg (fuq bażi anidra) (biss jekk jiżdied mal-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar)<br>Mhux aktar minn 0,2 mg/kg (fuq bażi anidra) (għall-użi kollha ħlief għall-ikel maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar) |
| Merkurju | Mhux aktar minn 0,05 mg/kg (fuq bażi anidra) |
| Kadmju | Mhux aktar minn 0,01 mg/kg (fuq bażi anidra) (biss jekk jiżdied mal-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar)<br>Mhux aktar minn 0,1 mg/kg (fuq bażi anidra) (għall-użi kollha ħlief għall-ikel maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar) |

| | |
|---|---|
| Glutina | Mingħajr glutina, fil-formula tat-trabi u fil-formula ta' prosegwiment biss, f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/127/KE tal-25 ta' Settembru 2015 |
| **Kriterji mikrobijoloġiċi** | |
| *Enterobacteriaceae* | Assenti f'10 g (biss jekk jiżdied mal-formuli mnixxfa tat-trabi, mal-ikel imnixxef għal skopijiet mediċi speċjali maħsub għal trabi taħt is-6 xhur u mal-formuli ta' prosegwiment imnixxfa) |
| *Escherichia coli* | Assenti f'10 g (biss jekk jiżdied mal-ikel għat-trabi) |
| *Salmonella* spp. | Assenti f'25 g (biss jekk miżjud f'formuli mnixxfa tat-trabi, ikel imnixxef għal skopijiet mediċi speċjali maħsuba għal trabi taħt is-6 xhur u formuli ta' prosegwiment imnixxfa) |
| *Cronobacter* spp. (*Enterobacter sakazakii*) | Assenti f'10 g (biss jekk miżjud f'formuli mnixxfa tat-trabi u ikel imnixxef għal skopijiet mediċi speċjali maħsuba għal trabi taħt is-6 xhur)" |

.